# IL-ĦEMDA

Il-ħemda (solitudini) mhux dejjem il-għadu tal-bniedem. Fil-ħemda, waqt li nkunu weħidna, moħħna jista' jgħarbel sewwa l-faraġ u l-hemm ta' ħajjitna: fil-ħemda nistgħu nifhmu xi ftit minn dak il-kobor li jinħeba taħt il-misterju tal-għajxien tagħna. Fl-ħemda, ir-ruħ issib xi ftit minn dak il-hena li titlef fost il-ħsejjes u x-xkiel tal-ibliet; għal ftit tal-ħin din ir-ruħ taqta' l-irbit li qe'd iżommha mjassra mal-ġisem tagħha u tmur tirgħa l-hinn minn kull taħbit tal-ħajja, imwarrba mit-tniġġiż ta' dan il-Wied tal-Ħażen, tidħol kollha ħienja fil-Qasam tas-Sabar u tal-Ħlewwa li minnu ħarġet u li fih targa' tidħol, jekk timxi, kemm iddum hawn isfel, mill-mogħdija tal-Ħaqq u tas-Sewwa. Mill-għaqal dgħajjef tiegħu, il-bniedem, fil-ħemda jista' jasal sabiex jagħraf xi ħaġa mid-Disinn tal-Provvidenza li fih għandu sehem, jilmaħ mill-bogħod xi xaqq minn dak id-Dawl li jiddi minn dejjem u għal dejjem, u b'hekk jitgħallem jagħraf u jħobb l'Alla aktar mill-qrib!

L-egħġubijiet, is-sbuħijiet tal-Ħolqien nistgħu biss nifhmuhom xi ftit meta nkunu mwarrba mill-ilsna mimlija semm ta' din id-dinja; meta nkunu fil-ħemda. Hemm nistgħu nitgħallmu li dawn l-egħġubijiet, dawn is-sbuħijiet bla nuqqas u bla tebgħa ma jistgħux ikunu magħmula ħorrox borrox, ma jistgħux ikunu borġ rimi *li nħalaq waħdu*, l-anqas jistgħu ikunu taħlit ta' *materja* magħmul u maħruġ mit-tidwir u mit-tul taż-Żmien (kif jifhmu dawk li ma jemmnux fir-ruħ), wisq inqas jistgħu jkunu għamla ta' liġijiet għomja, liġijiet bla maħsuba, liġijiet maħruġin mid-dlamijiet ta' dak li moħħ il-bniedem ma jistâx jifhem!

Ħalli nħarsu ftit lejn dik is-siġra li kibret hemm f'xatt ix-xmara mingħajr-l-ebda għajnuna t'id il-bniedem; lejn il-ħxejjex li jikbru mad-dawra tal-għadira, lejn ix-xemx ħamra u ħanina li qegħda tistaħba taħt ix-xefaq tal-baħar, lejn id-dlamijiet li jiġu wara li jgħottu lid-dinja sakemm dak ix-xemx targa' jfeġġ min-naħa l-oħra tad-dinja, lejn dawk il-kwiekeb li qe'd ipetptu fil-għoli tas-smewwiet, jekk nisimgħu il-ħsejjes li jwaħħxu tar-rwiefen, il-qliel tal-ilmijiet li jinżlu ma' tul il-lejl, u l-għada, hekk kif jibda' jbexbex, mill-ġdid nilmħu id-dawl ta' Xemx Rebbieħa jinfirex fuq l-art niedja u jiknes quddiemu l-waħx tad-dlamijiet; jekk il-ħarsa tagħna taqa' fuq il-ħdura tal-għelieqi, fuq is-silġ li jibajjad il-qċaċet tal-iġbla, fuq l-ilma safi tan-nixxiegħa li jinżel jiċċarċar mal-blat fil-waqt li jmur jitħallat mal-gliegel l-oħra tal-ilmijiet li għaddejja minn taħt il-għoja u flimkien jissuktaw triqthom sakemm jaslu l-baħar, nistgħu aħna lil dawn l-egħġubijiet, lil

dawn is-sbnħijiet, immorru nsejħulhom *cumbinazzjoni*, jew *liġi għamja tan-natura*, nistgħu aħna niċħdu lill-Ħallieq ta' dana kollu, nistgħu nwarrbu minn quddiem moħħna l-Kobor, id-Dehen, il-Għerf u s-Setgħa tal-Ħallieq ta' kull ħaġa?

Iżda, mhux biss fil-ħemda aħna naslu biex ingħarblu dan kollu? Kemm hawn min jiddejjaq mill-ħemda? Kemm hawn min saħansitra jiwerwer minnha? Ma jmissniex aktar niddejqu u nibżgħu mill-ħsejjes, min-nies u mill-għadiet ħżiena talibliet milli mis-sikta u l-ħlewwa tax-xagħri? F'tal-ewwel, ilbniedem isib ruħu mitluf f'taħlita moqżieża li ddennes lir-ruħ kif ukoll il-ġisem, tal-aħħar iġġibilna s-sabar u l-indafa fittnejn.

L-ebda tmeżmiża ma għandha tiġina li nibqgħu weħidna għal ftit tal-ħin, li ngħixu għal ftit sigħat imwarrbin minn knll maħluq fis-sikta tal-beraħ; f'din is-sikta, f'din il-ħlewwa, aħna aktar nistġħu naraw u nifhmu tajjeb il-kobor ta' dik l-Id li hi l-Għammiela u l-Ħallieqa ta' kull ma naraw ma' dwarna, ta' dik l-Id li hi l-bidu ta' kull ħaġa, ta' dik l-Id li Għaliha m'hemm l-ebda Tmiem.

**Alf. Nicholas.**